MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR. JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2003

Avviz Numru. 78/2002/1

**Emanuel Ellul u Daniel sive Dennis Ellul**

**vs**

**John D. Farrugia**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tal-atturi ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta’ tliet elef u hames mitt lira Maltija (Lm3500) rapprezentanti skadenza tal-kera tal-mahzen I2 fi Triq Gdida fi Triq il-Handaq, Qormi, u li ghalqet fit-13 ta’ Dicembru 2001.

Bl-interessi u bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-20 ta’ Dicembru 2001, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tal-atturi sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fil-15 ta' Jannar 2003 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma ta' Lm3500.00,0 bl-imghax legali mill-20 ta' Dicembru 2001 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-20 ta' Dicembru 2001.

--------------------------------TMIEM--------------------------------